# Il-ħtif tal-ajruplani fil-Mediterran... realtà li messet lil Malta



*evan chetcuti*

*evanchetcuti@yahoo.com*






*Charles Daniel Saliba jżomm f'idejh it-tieqa tal-emerġenza tal-cockpit tal-ajruplan tal-Egypt Air li tinsab fil-mużew tal-pulizija*

MATUL iż-żmien madwar id-dinja seħħew diversi każi ta' ħtif ta' ajruplani li wħud minnhom saħansitra spiċċaw b'mod imdemmi. Sfortunatament, minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna, f'Malta wkoll kellna ħames każi ta' ħtif ta' ajruplani li b'xi mod jew ieħor kienu relatati ma' xi problema fil-Mediterran.

Minkejja li dwar dawn il-każi ntqal u nkiteb ħafna, madankollu ftit li xejn saret riċerka bil-għan li toħroġ il-verità fil-kuntest storiku li seħħew fih. Kienet proprju din ir-raġuni li wasslet lil Charles Daniel Saliba, għalliem tal-Malti fil-livell post-sekondarju t'Għawdex, li jibda din ir-riċerka u wara li jsib kull informazzjoni dwar kull każ jagħrbilha u jippreżentaha fi ktieb.

**Wara erba'snin...**

Fil-fatt, wara erba' snin ta' riċerka u ħidma kontinwa, huwa għadu kif ippubblika l-ktieb tiegħu bl-isem "Ħtif ta' Ajruplani fil-Mediterran. Il-Ħames Każi ta' Malta". Fih jagħti rakkont ta' kull każ mill-bidu kwiet tiegħu sakemm tispiċċa d-drama. Barra minn hekk, kull każ ta' ħtif janalizzah fid-dawl tal-problemi reġjonali kontemporanji li mmotivaw lill-pirati jwettqu dan l-att.

Iltqajt ma' Charles biex nifhem aktar x'wasslu biex jagħmel din ir-riċerka u x'informazzjoni ġdida seta' sab f'din ir-realtà li messet lil Malta.

"Il-kurżità wasslitni biex nikteb dwar dan is-suġġett. Minkejja li għandi ħafna għal qalbi l-Malti, infatti s'issa ppubblikajt b'kollox 19-il ktieb għat-tagħlim tal-Malti, jien inħobb naqra wkoll ħafna kotba u artikli li għandhom x'jaqsmu mal-kriminalità u t-terroriżmu. Bdejt naqra dwar il-każ tal-Egypt Air u sirt naf li barra dan, f'Malta kien hawn erba' każi oħra u dan kollu qanqalli sens ta' kurżità li ġagħalni nkompli nfannad fl-informazzjoni biex nagħti rakkont fid-dettal ta' dawn l-atti fil-kuntest storiku li seħħew fih."

**Riċerka**

Qalli li wara li fittex dwar dawn il-każi, sab li ħafna mir-rakkonti miktuba dwarhom kienu inkompleti u għalhekk iddeċieda li jagħmel din ir-riċerka bil-għan li joħroġ il-verità fil-kuntest Mediterranju li seħħew fih. Spjegali li bbaża r-riċerka tiegħu fuq sorsi ppubblikati, intervisti ma' persuni differenti, gazzetti lokali u barranin, rapporti, diskussjonijiet ma' esperti tas-sigurtà, rapporti tal-pulizija, stqarrijiet fl-istampa, rapporti tal-esperti tal-qorti u korrispondenza uffiċjali.

"Biex ġbart din l-informazzjoni kollha ma kinitx xi ħaġa faċli u l-ispejjeż kienu kbar ħafna wkoll, speċjalment x'ħin ġejt biex nixtri dokumenti barranin relatati mas-suġġett. Mill-banda l-oħra, meta tlabt l-għajnuna ta' persuni esperti barranin, dawn għenuni mingħajr interessi. Hawn Malta wkoll sibt ħafna persuni li kkoperaw miegħi u għenuni minn qalbhom u mingħajr ħlas ukoll. Biex ġbart l-informazzjoni kollha u għarbiltha, biex b'hekk stajt noħroġ il-verità dwar il-każi, domt naħdem madwar erba' snin."

**Ħames każi**

Kellimni b'ċerta dettall dwar kull każ bl-ewwel wieħed ikun dak tal-linja tal-ajru Royal Dutch Airways fl-1973. Warajh kellna tnejn tal-linja tal-ajru Libyan Arab Airlines, wieħed fl-1979 u l-ieħor fl-1983. Wara dawn kellna l-każ imdemmi tal-Egypt Air f'Novembru tal-1985 u l-aħħar wieħed fuq ajruplan tal-linja tal-ajru Maltija fl-1997.

Sostna li l-ħames każi ta' ħtif ta' ajruplani li kien hawn Malta saru kollha minħabba xi problema fir-reġjun tal-Mediterran. Ħareġ biċ-ċar li waħda mill-problemi ewlenin fil-Mediterran hija n-nuqqas ta' paċi fil-Lvant Nofsani bejn l-Għarab u l-Lhud.

Tul ir-riċerka tiegħu kellu ċ-ċans li jiltaqa' ma' ħafna persuni li kienu involuti direttament fil-każi. Huwa rnexxielu jintervista lil diversi ministri ta' dawk iż-żminijiet, segretarji ta' Prim Ministru, esperti tat-terroriżmu, uffiċjali li kienu servizz dak iż-żmien u persuni oħra li b'xi mod jew ieħor kienu involuti. Fil-fatt uħud minnhom tawh rakkonti personali li fihom kienu involuti huma u li kienu għadhom qatt ma nkitbu s'issa.

Għal Charles m'hemmx dubju li l-aktar wieħed serju li seħħ kien dak tal-Egypt Air. Kuntrarju għall-każi l-oħra li lkoll ntemmew bla ebda tixrid ta' demm, f'dan il-każ l-affarijiet spiċċaw fuq nota qarsa fejn kienu mietu 60 ruħ. F'dan il-każ il-pirati kienu determinati li jwettqu l-pjani tagħhom akkost ta' kollox.

"Kien wieħed mill-agħar każi ta' terroriżmu li qatt ġraw fl-istorja. Każ li r-riperkussjonijiet tat-tmiem traġiku bdew jinħassu immedjatament u komplew jinħassu għal ħafna żmien, bl-istabbilità tal-Mediterran affettwata b'mod negattiv speċjalment meta, minħabba l-attakk u attakki oħra terroristiċi, l-Amerikani kienu bbumbardjaw il-Libja fl-1986 u billi Malta dakinhar kienet tiddependi ħafna mit-turiżmu kellha tbati ekonomikament minħabba instabilità fir-reġjun."

**Kummenti pożittivi**

Staqsejtu dwar ir-reazzjoni tan-nies rigward dan il-ktieb. B'sodisfazzjon qalli li kemm il-verżjoni bl-Ingliż kif ukoll dik bil-Malti ntlaqgħu ferm tajjeb. Kellu kummenti pożittivi ħafna għall-fatt li f'dan-il-ktieb ma ssibx biss rakkont ta' kull ħtif x'ħin niżel Malta, iżda rakkont f'kuntest storiku b'analiżi ta' x'wassal għal kull ħtif. Min-naħa tiegħu, minbarra s-sodisfazzjon li rnexxielu jwassal lill-qarrej din ir-riċerka, huwa qalli li l-aktar punt li laqtu minn dan kollu kien li kull pajjiż għandu joffri opportunitajiet liċ-ċittadini biex b'hekk ikollhom skop għaliex jgħixu. Jekk iċ-ċittadini jkunu jgħixu f'sitwazzjoni ta' nuqqas t'opportunità, intol-leranza, taqlib politiku u instabbilità, se jkollu effett fuq il-kwalità ta' ħajja tal-individwi u llum jew għada xi wħud se jirreaġixxu. Punt ieħor li laqtu kien l-akkwisti straordinarji li għamel Dom Mintoff meta nnegozja personalment it-tmiem ta' tlieta mill-ħames ajruplani maħtufa mingħajr telf ta' ħajja u mingħajr telf ta' ajruplani.

